REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/111

tat-23 ta' Jannar 2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għal inġenji tal-ajru bi propulsjoni elettrika u ibrida u inġenji tal-ajru oħra mhux konvenzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1), il-punt (b) u l-punti (d) sa (f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru, inklużi l-kwalifiki u l-liċenzji tal-persunal responsabbli għar-rilaxx għall-użu tal-prodotti wara l-manutenzjoni.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jispeċifika b'mod espliċitu l-kategoriji tal-inġenji tal-ajru li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti, jiġifieri l-ajruplani, il-ħelikopters jew l-inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors, is-sailplanes, il-blalen tal-arja u l-iġfna tal-ajru. Jeżistu ċerti inġenji tal-ajru mhux konvenzjonali, li jirriżultaw primarjament minn żviluppi industrijali reċenti, imsejħa inġenji tal-ajru ġodda tal-mobbiltà tal-ajru, li ma jidħlu fl-ebda waħda mill-kategoriji ta' inġenji tal-ajru msemmija hawn fuq. Dan joħloq inċertezza legali rigward l-applikabbiltà ta' aspetti speċifiċi tal-qafas regolatorju attwali għal dawn l-inġenji tal-ajru. Barra minn hekk, il-mitigazzjonijiet eżistenti koperti mir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 applikabbli għall-inġenji tal-ajru ta' riskju komparabbli għas-sikurezza jenħtieġ li b'analoġija jiġu estiżi wkoll għall-inġenji tal-ajru mhux konvenzjonali.

(3) Bl-istess mod, hemm lakuni regolatorji li jirriżultaw mill-fatt li r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 xi drabi huwa preskrittiv fuq l-impjant tal-enerġija tal-inġenji tal-ajru, u jqis biss il-magni bil-pistuni u bit-turbini bħala impjanti tal-enerġija għall-ajruplani u għall-ħelikopters. Dan mhuwiex konformi ma' żviluppi industrijali ġodda li jqisu impjanti oħra tal-enerġija, bħal magni elettriċi jew dawk ibridi. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli l-ġodda sabiex dawn ma jfixklux l-introduzzjoni ta' ajruplani elettriċi żgħar, b'mod partikolari fir-rigward tal-liċenzja tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru tagħhom.

(4) Sabiex jiġu indirizzati dawk il-lakuni regolatorji, jenħtieġ li r-rekwiżiti japplikaw għal kwalunkwe żvilupp attwali jew futur tal-inġenji tal-ajru u għall-impjanti tal-enerġija tagħhom.

(5) Billi t-tilt rotors kollha jitqiesu bħala inġenji tal-ajru motorizzati kumplessi, ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 ma kienx proporzjonat għal dawk l-aktar sempliċi peress li r-rekwiżiti stretti applikabbli għal kwalunkwe inġenju tal-ajru motorizzat kumpless kienu applikabbli wkoll għall-aktar tilt rotors sempliċi, li għalihom jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti inqas stretti meta mqabbla ma' inġenji tal-ajru sempliċi ta' kategoriji oħra, jiġifieri l-ajruplani u l-ħelikopters. Għaldaqstant, id-definizzjoni ta' inġenji tal-ajru motorizzati kumplessi jenħtieġ li tiġi emendata.

(6) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1321/oj).

(7) L-emendi huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 04/2024 ([3]) tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 75(2), il-punt (b), u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilita bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:";

(b) il-punt (u) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(u) "inġenju tal-ajru motorizzat kumpless" tfisser:

(i) ajruplan:

— b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art li taqbeż il-5 700 kg, jew

— iċċertifikat għal konfigurazzjoni massima ta' passiġġieri bilqiegħda ta' aktar minn 19, jew

— iċċertifikat għall-operazzjoni b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti, jew

— mgħammar b'magna/i turbojet jew b'aktar minn magna turboprop waħda, jew

(ii) ħelikopter iċċertifikat:

— għal massa massima waqt il-qtugħ mill-art li taqbeż it-3 175 kg, jew

— għal konfigurazzjoni massima ta' passiġġieri bilqiegħda ta' aktar minn disgħa, jew

— biex jopera b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti, jew

(iii) inġenju tal-ajru mhux konvenzjonali ċċertifikat:

— għal massa massima waqt il-qtugħ mill-art li taqbeż il-5 700 kg, jew

— għal massa massima waqt il-qtugħ mill-art li taqbeż it-3 175 kg jekk ikun jista' jżomm veloċità orizzontali żero waqt it-titjira, jew

— għal konfigurazzjoni massima ta' postijiet bilqiegħda għall-passiġġieri ta' aktar minn disgħa.";

(c) jiżdiedu l-punti (v), (w), (x) u (y) li ġejjin:

"(v) "ajruplan" tfisser inġenju tal-ajru bi ġwienaħ fissi li jaħdem bil-magna li jkun itqal mill-arja u li jkun appoġġat waqt it-titjira mir-reazzjoni dinamika tal-arja mal-ġwienaħ tiegħu;

(w) "inġenju tal-ajru li jaħdem bir-rotors" tfisser inġenju tal-ajru bil-magna, itqal mill-arja li jiddependi prinċipalment għall-appoġġ tiegħu waqt it-titjira fuq l-irfigħ iġġenerat minn massimu ta' żewġ rotors;

(x) "ħelikopter" tfisser tip ta' inġenju tal-ajru li jaħdem bir-rotors appoġġat fit-titjir prinċipalment mir-reazzjonijiet tal-arja fuq massimu ta' żewġ rotors bil-magna fuq assi sostanzjalment vertikali;

([3]) L-Opinjoni Nru 04/2024 tad-19 ta' Ġunju 2024 tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, Mobbiltà ġdida tal-ajru – Regoli tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għall-inġenji tal-ajru bi propulsjoni elettrika u ibrida u inġenji tal-ajru oħra mhux konvenzjonali (Sottokompitu 1)

(y) "inġenju tal-ajru mhux konvenzjonali" tfisser inġenju tal-ajru għajr ajruplan, ħelikopter, sailplane, ballun tal-arja jew ġifen tal-ajru.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Ir-rekwiżiti tal-Anness Vb (Parti-ML) għandhom japplikaw għall-inġenji tal-ajru li ġejjin għajr l-inġenji tal-ajru motorizzati kumplessi:

(a) ajruplani b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' 2 730 kg jew inqas;

(b) ħelikopters b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' 1 200 kg jew inqas, iċċertifikati għal massimu ta' erba' okkupanti;"

(c) inġenji tal-ajru ELA2 oħra;

(d) inġenji tal-ajru mhux konvenzjonali b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta':

(i) 1 200 kg jew inqas jekk ikunu jistgħu jżommu veloċità orizzontali żero waqt it-titjir, jew

(ii) 2 730 kg jew inqas għal oħrajn għajr dawk fil-punt (i).

Meta inġenju tal-ajru msemmi fl-ewwel subparagrafu jkun elenkat fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru liċenzjat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Anness I (Parti-M) ta' dan ir-Regolament.

3. Sabiex jiġi elenkat fiċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru liċenzjat f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, inġenju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru tiegħu jkun ġie approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt M.A.302 tal-Anness I (Parti-M);

(b) il-manutenzjoni li trid ssir u li hi meħtieġa mill-programm ta' manutenzjoni msemmi fil-punt (a) tkun twettqet u ġiet iċċertifikata f'konformità mal-punti 145.A.48 u 145.A.50 tal-Anness II (Parti-145);

(c) ikun sar rieżami tal-ajrunavigabbiltà u jkun inħareġ ċertifikat ġdid tar-rieżami tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt M.A.901 tal-Anness I (Parti-M).";

(3) fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. B'deroga mill-punti 66.A.3(1)(b) u 66.A.45(a) tal-Anness III (Parti-66), sat-13 ta' Frar 2028, ajruplan b'impjant tal-enerġija elettrika u MTOM ta' inqas minn 5 700 kg jista' jiġi approvat f'liċenzja bis-subkategorija B1.1 jew B1.2 meta:

(a) id-detentur tal-liċenzja jkollu mill-inqas 6 xhur esperjenza ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru koperti mill-/mis-(sub)kategorija tal-liċenzja fl-aħħar 24-il xahar;

(b) l-ajruplan li jkun qed jiġi approvat ma jkunx l-ewwel ajruplan approvat għall-/għas-(sub)kategorija rilevanti; u

(c) id-detentur tal-liċenzja jkun segwa t-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru f'konformità mal-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66), segwa l-proċedura għall-approvazzjoni diretta tat-taħriġ tat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-punt 66.B.130 tal-Anness III (Parti-66) jew segwa l-proċedura deskritta fil-punt 66.A.45(da) tal-Anness III (Parti-66)".

(4) l-Anness I (Parti-M) huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(5) l-Anness II (Parti-145) huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(6) l-Anness III (Parti-66) huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(7) l-Anness IV (Parti-147) huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(8) l-Anness Vb (Parti-ML) huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(9) l-Anness Vd (Parti-CAO) huwa emendat f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Frar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Appendiċi VII tal-ANNESS I (Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, jiddaħħlu l-punti 3a u 3b li ġejjin:

"3a. It-twettiq tal-manutenzjoni fuq l-impjant tal-enerġija li tkun teħtieġ żarmar tal-magna/i, il-batteriji ewlenin jew iċ-ċellola/i tal-fjuwil, minbarra t-tneħħija tagħhom mill-inġenju tal-ajru u l-installazzjoni mill-ġdid tagħhom (inkluż it-tneħħija/l-installazzjoni ta' berings tal-magna).

3b. It-twettiq tal-manutenzjoni fuq riżervi ta' pressjoni għolja u komponenti li jappartjenu għal linji/sistemi ta' pressjoni għolja relatati mal-impjant tal-enerġija.".

ANNESS II

L-ANNESS II (Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt (h)(2) tal-punt 145.A.30, il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) persunal li jiċċertifika kkwalifikat b'mod xieraq għat-tip ta' inġenju tal-ajru fil-kategorija C jew L5, kif applikabbli, u mgħejun minn persunal ta' appoġġ, kif stipulat fil-punt 145.A.35(a)(1).";

(2) fl-Appendiċi II, il-punti (l) u (m) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(l) Tabella

KLASSI	KLASSIFIKAZZJONI	LIMITAZZJONI	BAŻI	LINJA
INĠENJI TAL-AJRU	A1 Ajruplani b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art (MTOM, maximum take-off mass) ta' aktar minn 5 700 kg	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip tal-ajruplan u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni] *Eżempju: Serje Airbus A320*	[IVA/LE] (*)	[IVA/LE] (*)
	A2 Ajruplani b'MTOM ta' 5 700 kg jew inqas	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip tal-ajruplan u/jew il-kompiti ta' manutenzjoni] *Eżempju: Serje DHC-6 Twin Otter* Iddikjara jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-rieżami tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat (possibbli biss għall-inġenji tal-ajru koperti mill-Anness Vb (Parti-ML))	[IVA/LE] (*)	[IVA/LE] (*)
	A3 Ħelikopters	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip tal-ħelikopter u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni] *Eżempju: Robinson R44* Iddikjara jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-rieżami tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat (possibbli biss għall-inġenji tal-ajru koperti mill-Anness Vb (Parti-ML))	[IVA/LE] (*)	[IVA/LE] (*)
	A4 Inġenji tal-ajru għajr inġenji tal-ajru A1, A2 u A3	[Għandha tiddikjara l-kategorija tal-inġenju tal-ajru (sailplane, ballun tal-arja, ġifen tal-ajru, eċċ.) meta applikabbli, il-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni] Iddikjara jekk il-ħruġ ta' ċertifikati tar-rieżami tal-ajrunavigabbiltà huwiex awtorizzat (possibbli biss għall-inġenji tal-ajru koperti mill-Anness Vb (Parti-ML))	[IVA/LE] (*)	[IVA/LE] (*)
MAGNI	B1 Turbina	[Għandha tiddikjara s-serje jew it-tip tal-magna u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni] *Eżempju: Serje PT6A*		
	B2 Pistun	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip tal-magna u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni]		
	B3 APU	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew is-serje jew it-tip tal-magna u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni]		
	B4 Magni għajr B1, B2 u B3	[Għandha tiddikjara l-manifattur jew il-grupp jew is-serje jew it-tip tal-magna u/jew il-kompitu/i ta' manutenzjoni]		

KLASSI	KLASSIFIKAZZJONI	LIMITAZZJONI	BAŻI	LINJA
KOMPONENTI OĦRA GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs	C1 Arja Kundizzjonata u Pressurizzazzjoni	[Għandha tiddikjara t-tip ta' inġenju tal-ajru jew il-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew il-manifattur tal-komponent jew il-komponent partikolari u/jew tagħmel kontroreferenza għal lista ta' kompetenzi fl-espożizzjoni u/jew fil-kompitu/i ta' manutenzjoni.] *Eżempju: Kontroll tal-Fjuwil PT6A*		
	C2 Titjira Awtomatika			
	C3 Komunikazzjonijiet u Navigazzjoni			
	C4 Bibien — Sportelli			
	C5 Potenza Elettrika u Dwal			
	C6 Tagħmir			
	C7 Magna – APU			
	C8 Kontrolli tat-Titjira			
	C9 Fjuwil			
	C10 Inġenji tal-Ajru li Jaħdmu bir-Rotors – Rotors			
	C11 Inġenji tal-Ajru li Jaħdmu bir-Rotors – Trażmissjoni			
	C12 Potenza Idrawlika			
	C13 Sistema ta' Indikazzjoni – Reġistrazzjoni			
	C14 Tagħmir għall-Inżul			
	C15 Ossiġenu			
	C16 Skrejjen			

KLASSI	KLASSIFIKAZZJONI	LIMITAZZJONI	BAŻI	LINJA
	C17 Pnewmatiċi u Vakwu			
	C18 Protezzjoni mis-silġ/mix-xita/ min-nar			
	C19 Twieqi			
	C20 Strutturali			
	C21 Saborra tal-ilma			
	C22 Awmentazzjoni tal-Propulsjoni			
	C23 Oħrajn			
SERVIZZI SPEĊJALIZZATI	D1 Ittestjar Mhux Distruttiv	[Għandha tiddikjara metodu/i tal-NDT partikolari]		

(*) – Ħassar kif xieraq

(m) Organizzazzjoni tal-manutenzjoni li timpjega persuna waħda biss kemm biex tippjana kif ukoll biex twettaq l-attivitajiet ta' manutenzjoni kollha tagħha jista' jkollha biss termini tal-approvazzjoni limitati. Il-limiti massimi permissibbli huma kif ġej:

KLASSI	KLASSIFIKAZZJONI	LIMITAZZJONI
INĠENJI TAL-AJRU	A2	AJRUPLANI B'MTOM ta' 5 700 KG JEW INQAS B'MAGNA BIL-PISTUNI jew IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA MINGĦAJR ĊELLOLA TAL-FJUWIL
INĠENJI TAL-AJRU	A3	ĦELIKOPTERS B'MTOM ta' 3 175 KG JEW INQAS B'MAGNA B'PISTUN WIEĦED jew IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA MINGĦAJR ĊELLOLA TAL-FJUWIL
INĠENJI TAL-AJRU	A4	SAILPLANES, BLALEN TAL-ARJA, IĠFNA TAL-AJRU U KWALUNKWE INĠENJU TAL-AJRU B'MTOM ta' 3 175KG JEW INQAS B'MAGNA B'PISTUN WIEĦED jew IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA MINGĦAJR ĊELLOLA TAL-FJUWIL
MAGNI	B2	INQAS MINN 450 HP
MAGNI	B4	MAGNA ELETTRIKA
KOMPONENTI OĦRA GĦAJR MAGNI KOMPLUTI JEW APUs	C1 SA C23	SKONT IL-LISTA TA' KOMPETENZI
SERVIZZI SPEĊJALIZZATI	D1 NDT	METODU/I NDT LI JRID(U) JIĠI/JIĠU SPEĊIFIKAT(I)

Għandu jiġi nnotat li din l-organizzazzjoni tista' tkompli tiġi limitata mill-awtorità kompetenti fit-termini tal-approvazzjoni skont il-kompetenzi tal-organizzazzjoni partikolari.".

ANNESS III

L-ANNESS III (il-Parti-66) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt 66.1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) L-Aġenzija għandha tkun responsabbli:

1. għad-definizzjoni tal-lista tat-tipi ta' inġenji tal-ajru;
2. għad-definizzjoni ta' liema kombinazzjonijiet ta' qafas/magna (jew impjant tal-enerġija) tal-inġenju tal-ajru jiġu inklużi f'kull klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru partikolari;
3. fir-rigward ta' inġenju tal-ajru li ma jkun kopert minn ebda (sub)kategorija tal-liċenzja fil-punt 66.A.3, il-punt (a), li jiddefinixxi s-(sub)kategorija/i tal-liċenzja/i applikabbli li tintitola lid-detentur tal-liċenzja jeżerċita l-privileġġi tal-punt 66.A.20 fuq dak l-inġenju tal-ajru.";

(2) il-punt 66.A.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"66.A.3 Kategoriji u subkategoriji ta' liċenzji

(a) Il-liċenzji għall-manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru jinkludu dawn il-kategoriji li ġejjin u, fejn ikun applikabbli, is-subkategoriji u l-klassifikazzjonijiet ta' sistemi:

(1) Kategorija A:

(i) Il-kategorija A, hija maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— A1 Ajruplani bit-Turbini;

— A2 Ajruplani bil-Pistuni;

— A3 Ħelikopters bit-Turbini;

— A4 Ħelikopters bil-Pistuni.

(ii) Is-subkategoriji A1 u A3 jistgħu jintużaw ukoll għal inġenji tal-ajru li mhumiex koperti minn kwalunkwe subkategorija A.

(2) Il-kategorija B1, hija maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— B1.1 Ajruplani bit-Turbini;

— B1.2 Ajruplani bil-Pistuni;

— B1.E Ajruplani b'impjant tal-enerġija elettrika u MTOM taħt il-5 700 kg;

— B1.3 Ħelikopters bit-Turbini;

— B1.4 Ħelikopters bil-Pistuni.

(3) Kategorija B2

Il-liċenzja B2 hija applikabbli għall-inġenji tal-ajru kollha.

(4) Kategorija B2L

Il-liċenzja B2L hija applikabbli għall-inġenji tal-ajru kollha għajr dawk tal-Grupp 1 kif stipulat fil-Punt 66.A.5(1) u hija maqsuma fil-"klassifikazzjonijiet ta' sistemi" li ġejjin:

— komunikazzjoni/navigazzjoni (com/nav),

— strumenti,

— awtotitjir,

— sorveljanza,

— sistemi ta' qafas tal-inġenju tal-ajru.

Liċenzja B2L għandu jkollha, bħala minimu, klassifikazzjoni ta' sistema waħda.

(5) Kategorija B3

Il-liċenzja B3 hija applikabbli għal ajruplani mhux pressurizzati b'magni bil-pistuni b'MTOM ta' 2 000 kg u inqas.

(6) Kategorija L, maqsuma fis-subkategoriji li ġejjin:

— L1C: sailplanes komposti,

— L1: sailplanes,

— L2C: sailplanes motorizzati komposti u ajruplani ELA1 komposti,

— L2: sailplanes motorizzati u ajruplani ELA1,

— L3H: blalen tal-arja sħuna,

— L3G: blalen tal-gass,

— L4H: iġfna tal-ajru tal-arja sħuna,

— L4G: iġfna tal-ajru tal-gass ELA2,

— L5: iġfna tal-ajru tal-gass għajr ELA2.

(7) Kategorija C

Il-liċenzja C hija applikabbli għall-ajruplani u għall-ħelikopters.

(8) Meta inġenju tal-ajru jista' jitqies bħala inkluż f'aktar minn (sub)kategorija waħda ta' hawn fuq, l-Aġenzija, abbażi tal-karatteristiċi tal-inġenju tal-ajru, għandha tistabbilixxi s-subkategorija/i tal-liċenzja applikabbli għall-inġenju tal-ajru fl-iskeda tad-*data* taċ-ċertifikat tat-tip tiegħu.

(b) Barra minn hekk, għall-inġenji tal-ajru u għall-kombinazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru u ta' impjanti tal-enerġija mhux imsemmija fil-punt (a), il-liċenzja/i applikabbli għandha/għandhom tkun/ikunu dik/dawk identifikati mill-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha tidentifika tali (sub)kategorija/i tal-liċenzja/i fid-*data* tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 748/2012, filwaqt li tqis rapport mill-applikant għaċ-ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru jew mid-detentur tiegħu li jivvaluta l-arkitettura u s-sistemi tal-inġenju tal-ajru (u l-impjant tal-enerġija) skont is-sillabu tal-moduli tal-għarfien bażiku u l-livelli ta' għarfien, kif rilevanti għas-(sub)kategorija tal-liċenzja ddeżinjata, u l-privileġġi stabbiliti f'66.A.20.";

(3) fil-punt 66.A.5, il-punti (1) u (2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

(1) "Il-grupp 1 huwa magħmul minn:

(i) ajruplani ċċertifikati għal MTOM ta' aktar minn 5 700 kg; ajruplani ċċertifikati għal konfigurazzjoni massima ta' aktar minn 19-il passiġġier bilqiegħda; ajruplani ċċertifikati għall-operazzjoni b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti; ajruplani mgħammra b'magna/i turbojet (waħda) jew b'aktar minn magna turboprop waħda; ajruplani b'altitudni operattiva massima ċċertifikata ta' aktar minn FL290 li jaħdmu b'impjant tal-enerġija għajr bil-pistuni; ajruplani b'impjant tal-enerġija li ma jkunx bil-pistuni, bit-turbini jew elettriku;

(ii) ħelikopters iċċertifikati għal MTOM ta' aktar minn 3 175 kg; ħelikopters iċċertifikati għal konfigurazzjoni massima ta' aktar minn disa' passiġġieri bilqiegħda; ħelikopters iċċertifikati għall-operazzjoni b'ekwipaġġ minimu ta' mill-inqas żewġ bdoti; ħelikopters mgħammra b'magni multipli; ħelikopters mgħammra b'impjant tal-enerġija li ma jkunx bil-pistuni, bit-turbini jew elettriku;

(iii) iġfna tal-ajru tal-gass għajr ELA2;

(iv) inġenji tal-ajru mhux konvenzjonali; u

(v) inġenji tal-ajru mgħammra b'sistemi ta' pilotaġġ elettriku.

Minkejja l-ewwel paragrafu, l-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tikklassifika f'subgrupp tal-Grupp 2, tal-Grupp 3 jew tal-Grupp 4, kif xieraq, inġenju tal-ajru li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu, jekk tqis li l-kumplessità aktar baxxa tal-inġenju tal-ajru partikolari tiġġustifika dan.

(2) Grupp 2: inġenji tal-ajru għajr dawk fi Grupp 1 li jappartjenu għas-subgruppi li ġejjin:

(i) subgrupp 2a: ajruplani b'magna waħda turboprop,

(ii) subgrupp 2b: ħelikopters b'magna waħda bit-turbini,

(iii) subgrupp 2c: ħelikopters b'magna waħda bil-pistuni,

(iv) subgrupp 2E: ajruplani b'impjant ta' enerġija elettrika.";

(4) fil-punt 66.A.20(a), jiżdied il-punt 8 li ġej:

"8. Barra minn hekk, il-privileġġi fil-punti 1. sa 7. huma estiżi wkoll għall-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-punt 66.A.3 għall-kategorija/i tal-liċenzja/i korrispondenti identifikata/i bħala applikabbli fid-*data* tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 748/2012 ta' dawn l-inġenji tal-ajru.";

(5) il-punt 66.A.30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt 1., l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. għall-kategorija A, is-subkategoriji B1.2, B1.E u B1.4 u l-kategorija B3:";

(ii) il-punt 3. huwa emendat kif ġej:

— il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) 5 snin esperjenza fl-eżerċitar tal-privileġġi tal-kategorija B1.2, B1.E, B1.4 jew L5 bħala persunal ta' appoġġ, jew kemm persunal ta' appoġġ kif ukoll persunal li jiċċertifika, f'konformità mal-punt 145.A.35 tal-Anness II (Parti-145), f'organizzazzjoni tal-manutenzjoni li taħdem fuq CMPA, inkluż 12-il xahar ta' esperjenza bħala persunal ta' appoġġ għall-manutenzjoni bażika; jew";

— fil-punt (iv), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) sentejn esperjenza fl-eżerċitar tal-privileġġi tal-kategorija B1.1, B1.2, B1.E, B1.3, B1.4, B2 jew L5 bħala persunal ta' appoġġ, jew kemm persunal ta' appoġġ kif ukoll persunal li jiċċertifika, f'konformità mal-punt 145.A.35 tal-Anness II (Parti-145), f'organizzazzjoni tal-manutenzjoni li taħdem fuq CMPA, inkluż 6 xhur ta' esperjenza bħala persunal ta' appoġġ għall-manutenzjoni bażika; jew";

(b) jiddaħħal il-punt (da) li ġej:

"(da) Minkejja l-punti (a), (b) u (d), l-esperjenza ta' manutenzjoni prattika u l-esperjenza ta' manutenzjoni reċenti miksuba fl-inġenji tal-ajru msemmija fil-punt (b) tal-punt 66.A.3 għandhom jammontaw għal massimu ta' 50 % tal-esperjenza ta' manutenzjoni prattika u l-esperjenza ta' manutenzjoni reċenti meħtieġa fil-punti (a), (b) jew (d) fir-rigward tal-kategorija/i tal-liċenzja/i li fuqha/fuqhom jistgħu jiġu approvati dawn l-inġenji tal-ajru.";

(6) il-punt 66.A.45 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) Għal-liċenzji għajr dawk tal-kategorija C, minbarra r-rekwiżiti tal-punt (b), l-approvazzjoni tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru f'kategorija/subkategorija partikolari teħtieġ it-taħriġ komplet fuq il-post tax-xogħol korrispondenti. Dan it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol għandu jkun konformi mal-Appendiċi III tal-Anness III (Parti-66), għajr fil-każ ta' iġfna tal-ajru tal-gass, fejn għandu jiġi approvat direttament mill-awtorità kompetenti.

It-taħriġ fuq il-post tax-xogħol fuq inġenju tal-ajru msemmi fil-punt (b) tal-punt 66.A.3 jista' jitqies biss għall-fini tal-approvazzjoni tal-liċenzja bħala l-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru f'(sub)kategorija partikolari, kif deskritt fil-paragrafu preċedenti, meta jkun stabbilit hekk fid-*data* tal-adegwatezza operattiva tal-inġenju tal-ajru.

Inkella, inġenju tal-ajru msemmi fil-punt (b) tal-punt 66.A.3 jista' jiġi approvat bħala l-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru f'(sub)kategorija partikolari wara t-tlestija sodisfaċenti tat-taħriġ korrispondenti fuq il-post tax-xogħol, iżda f'każ bħal dan, ikun meħtieġ taħriġ addizzjonali fuq il-post tax-xogħol għall-approvazzjoni fuq il-liċenzja f'dik is-/il-(sub)kategorija tal-ewwel klassifikazzjoni tat-tip ta' inġenju tal-ajru li tappartjeni għall-kategoriji msemmija fil-punt (a) tal-punt 66.A.3.";

(b) jiddaħħal il-punt (da) li ġej:

"(da) B'deroga mill-punti (b) u (d) u biss matul l-ewwel 30 xahar wara li tip ta' inġenju tal-ajru ġdid ikun irċieva ċ-ċertifikat tat-tip tiegħu, l-AML tista' tiġi approvata bil-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenju tal-ajru korrispondenti għal (sub)kategorija partikolari abbażi ta' taħriġ komplet mogħti mill-manifattur, inkluż l-element ta' taħriġ prattiku fuq il-post, bil-kundizzjoni li l-klassifikazzjoni tat-tip tal-inġenju tal-ajru ma tkunx l-ewwel inġenju tal-ajru approvat għal dik is-/il-(sub)kategorija.

Tali taħriġ għandu jitwettaq f'livell u durata li jissodisfaw l-istess objettivi bħal dawk tal-punti 5(a), (b) u (c) tal-Appendiċi III, u għandu jkopri *data* ta' manutenzjoni rilevanti fil-livell ta' għarfien u kamp ta' applikazzjoni meħtieġa għall-/għas-(sub)kategorija tal-AML.

Persuna responsabbli tal-manifattur tal-inġenju tal-ajru għandha toħroġ rapport finali li jiddikjara li r-rekwiżiti ta' dan il-punt 66.A.45(da) ġew issodisfati.";

(7) fl-Appendiċi I, il-punt 2. huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Modulu tas-suġġett	B1.1 A1	B1.2 A2	B1.E	B1.3 A3	B1.4 A4	B3	B2	B2L	C
	Magna bit-turbini	Magna bil-pistuni	Ajruplani b'impjant tal-enerġija elettrika u MTOM taħt il-5 700 kg	Magna bit-turbini	Magna bil-pistuni	Ajruplani mhux pressurizzati b'magna bil-pistuni MTOM ≤ 2 t			
1. MATEMATIKA	X	X	X	X	X	X	X	X	X
2. FIŻIKA	X	X	X	X	X	X	X	X	X
3. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI TAL-ELETTRIKU	X	X	X	X	X	X	X	X	X
4. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI TAL-ELETTRONIKA	X (mhux applikabbli għal A1)	X (mhux applikabbli għal A2)	X	X (mhux applikabbli għal A3)	X (mhux applikabbli għal A4)	X	X	X	X
5. TEKNIKI DIĠITALI/SISTEMI TA' STRUMENTI ELETTRONIĊI	X	X	X	X	X	X	X	X	X
6. MATERJALI U HARDWARE	X	X	X	X	X	X	X	X	X
7. PRATTIKI TAL-MANUTENZJONI	X	X	X	X	X	X	X	X	X
8. AJRUDINAMIKA BAŻIKA	X	X	X	X	X	X	X	X	X
9. FATTURI UMANI	X	X	X	X	X	X	X	X	X
10. LEĠIŻLAZZJONI TAL-AVJAZZJONI	X	X	X	X	X	X	X	X	X
11. AJRUDINAMIKA, STRUTTURI U SISTEMI TAL-AJRUPLANI	X	X	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	11, 15 u 17 għal B1.1 jew 11, 16 u 17 għal B1.2 jew 11, 17 u 18 għal B1.E jew 12 u15 għal B1.3 jew 12 u 16 għal B1.4 jew 13 u 14 għal B2"
12. AJRUDINAMIKA, STRUTTURI U SISTEMI TAL-ĦELIKOPTERS	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
13. AJRUDINAMIKA, STRUTTURI U SISTEMI TAL-INĠENJI TAL-AJRU	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	X	
14. PROPULSJONI	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	X	
15. MAGNA B'TURBINA TAL-GASS	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
16. MAGNA BIL-PISTUNI	mhux applikabbli	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
17. SKRUN	X	X	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
18. IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA	mhux applikabbli	mhux applikabbli	X	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	

(b) fit-tabella li tikkorrispondi għall-Modulu 7, ir-ringiela 7.4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"7.4 Perikli potenzjali għas-sikurezza meta wieħed jaħdem b'sistemi elettriċi u b'tagħmir protettiv	3	3	3"

(c) it-tabella li tikkorrispondi għall-Modulu 11 hija emendata kif ġej:

(i) ir-ringiela tat-titolu hija sostitwita b'dan li ġej:

"MODULU 11. AJRUDINAMIKA, STRUTTURI U SISTEMI TAL-AJRUPLANI	LIVELL				
	A1	A2	B1.1	B1.2/ B1.E	B3"

(ii) ir-ringieli għas-submodulu 11.8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"11.8 Protezzjoni kontra n-nirien (ATA 26)						
	(a) Sistema ta' detezzjoni tan-nar u tad-duħħan u sistemi tat-tifi tan-nar;	1	1	3	3	—
	(b) Apparat tat-tifi tan-nar portabbli.	1	1	1	1	1"

(iii) ir-ringieli għas-submodulu 11.10 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"11.10 Sistemi tal-fjuwil (ATA 28, ATA 47)						
	(a) Tqassim tas-sistemi;	1	1	3	3/-	1
	(b) Immaniġġar tal-fjuwil;	1	1	3	3/-	1
	(c) Indikazzjoni u twissijiet;	1	1	3	3/-	1
	(d) Sistemi speċjali;	1	—	3	—	—
	(e) Ibbilanċjar.	1	—	3	—	—"

(d) fit-tabella li tikkorrispondi għall-Modulu 14, ir-ringieli għas-submodulu 14.1 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"14.1 Magni		
	(a) Magni bit-turbini;	1
	(b) Unitajiet ta' potenza awżiljarja (APUs, Auxiliary Power Units);	1
	(c) Magni bil-pistuni;	1
	(d) Impjanti tal-enerġija elettriċi u ibridi u sistemi awżiljarji;	2
	(e) Kontroll tal-magna.	2"

(e) fit-tabella li tikkorrispondi għall-Modulu 17, ir-ringiela tat-titolu hija sostitwita b'dan li ġej:

	LIVELL	
"MODULU 17. SKRUN	A1 A2	B1.1 B1.2 B1.E B3"

(f) tiżdied it-tabella li ġejja li tikkorrispondi għall-Modulu 18:

"MODULU 18. IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA

MODULU 18. IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA	LIVELL
	B1.E
18.1 Prinċipji fundamentali	3
18.2 Prestazzjoni tal-magna	3
18.3 Kostruzzjoni tal-magna	3
18.4 Sistema ta' enerġija elettrika	3
18.4.1 Batteriji u aċċessorji	3
18.4.2 Ċelloli tal-fjuwil u aċċessorji	3
18.4.3 Sistemi ta' distribuzzjoni tal-enerġija	3
18.4.4 Kontroll elettroniku tal-magna	3
18.5 Sistemi ta' indikazzjoni tal-magna	3

MODULU 18. IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA	LIVELL
	B1.E
18.6 Installazzjoni tal-impjant tal-enerġija	3
18.7 Monitoraġġ tal-magna u operazzjoni fuq l-art	3
18.8 ~~Ħ~~żin u preservazzjoni tal-magna	3”

(8) l-Appendiċi II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2.11 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2.11. MODULU 11 AJRUDINAMIKA, STRUTTURI U SISTEMI TAL-AJRUPLANI

Kategorija A1: 108 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 135 minuta.

Kategorija A2: 72 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 90 minuta.

Kategorija B1.1: 140 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 175 minuta.

Kategoriji B1.2 u B1.E: 100 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 125 minuta.

Kategorija B3: 60 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 75 minuta.”;

(b) jiżdied il-punt 2.18 li ġej:

“2.18. MODULU 18 – IMPJANT TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA

Kategorija B1.E: 76 mistoqsija b’għażla multipla, l-ebda mistoqsija f’forma ta’ komponiment.

~~Ħ~~in permess: 95 minuta.”;

(9) l-Appendiċi III huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3.1. huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) Durata:

Is-sigħat minimi ta’ tagħlim għat-taħriġ teoretiku jinsabu fit-tabella li ġejja:

Kategorija	Sigħat
Ajruplani (*) b’massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta’ aktar minn 30 000 kg:	

Kategorija	Sigħat
B1.1	150
B1.2	120
B2	100
C	30
Ajruplani (*) b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' daqs jew inqas minn 30 000 kg u aktar minn 5 700 kg:	
B1.1	120
B1.2	100
B2	100
C	25
Ajruplani (*) b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' 5 700 kg u inqas (**)	
B1.1	80
B1.2	60
B1.E	60
B2	60
C	15
Ħelikopters (*) (***)	
B1.3	120
B1.4	100
B2	100
C	25
Ajruplani u ħelikopters mhux imsemmija hawn fuq u inġenji tal-ajru mhux konvenzjonali	
B1, B2 u C	OSD

(*) Ajruplan b'magna bil-pistuni jew bit-turbini jew impjant tal-enerġija elettrika jew ħelikopter b'magna bil-pistuni jew bit-turbini.
(**) (**)Għal ajruplani mhux pressurizzati b'MTOM ta' inqas minn 2 000 kg b'magni bil-pistuni, id-durata minima tista' titnaqqas b'50 %.
(***) (***)Għal ħelikopters fil-Grupp 2 (kif definit fil-punt 66.A.5), id-durata minima tista' titnaqqas bi 30 %.

Fit-tabella ta' hawn fuq, "OSD" tfisser kif definit fid-*data* dwar l-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 748/2012, filwaqt li jitqies rapport mill-applikant għaċ-ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru jew mid-detentur tiegħu li jkun fih valutazzjoni tal-elementi teoretiċi meħtieġa tal-għarfien tal-inġenju tal-ajru, b'kunsiderazzjoni tal-/tas-(sub)kategorija tal-liċenzja applikabbli li fuqha t-tip ta' inġenju tal-ajru jkun permess għall-approvazzjoni f'konformità mal-punt 66.A.3.

Għall-fini tat-tabella ta' hawn fuq, siegħa ta' tagħlim tfisser 60 minuta ta' tagħlim u teskludi kull brejk, eżami, reviżjoni, preparazzjoni u żjara lil inġenji tal-ajru.

Dawn is-sigħat japplikaw biss għal korsijiet teoretiċi għal kombinazzjonijiet kompluti ta' inġenji tal-ajru/magni skont il-klassifikazzjoni tat-tip kif definita mill-Aġenzija.";

(ii) fil-punt (e), it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Livell Kapitoli	Ajruplani bit-turbini		Ajruplani bil-pistuni		Ajruplani b'impjant ta' enerġija elettrika		Ħelikopters bit-turbini		Ħelikopters bil-pistuni		Avjonika
Kategorija tal-liċenzja	B1.1	C	B1.2	C	B1.E	C	B1.3	C	B1.4	C	B2
Modulu ta' introduzzjoni:											
05 Limiti taż-żmien/ kontrolli tal-manutenzjoni	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
06 Dimensjonijiet/żoni (MTOM, eċċ.)	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
07 Irfigħ u Rfid	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
08 Illivellar u teħid tal-piż	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
09 Irmunkar u taxiing	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
10 Ipparkjar/irmiġġar, ħżin u ritorn għall-użu	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
11 Tabelli u marki	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
12 Manutenzjoni	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
20 Prattiki standard — partikolari għat-tip biss	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1

"Livell Kapitoli		Ajruplani bit-turbini		Ajruplani bil-pistuni		Ajruplani b'impjant ta' enerġija elettrika		~~H~~elikopters bit-turbini		~~H~~elikopters bil-pistuni		Avjonika
	~~H~~elikopter											
18	Analiżi tal-vibrazzjoni u tal-istorbju (trekkjar tal-paletti)	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	—
60	Prattiki standard — rotors	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	—
62	Rotors	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	1
62A	Rotors — monitoraġġ u indikar	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	3
63	Drives tar-rotors	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	1
63A	Drives tar-rotors — monitoraġġ u indikar	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	3
64	Rotor tad-denb	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	1
64A	Rotor tad-denb — monitoraġġ u indikar	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	3
65	Drive tar-rotor tad-denb	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	1
65A	Drive tar-rotor tad-denb — monitoraġġ u indikar	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	3
66	Paletti/arblu kbir li jintwew	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	—
67	Kontroll tat-titjir ir-rotors	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	—
53	Struttura tal-qafas tal-inġenju tal-ajru (ħelikopter)	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	—
25	Tagħmir ta' emergenza li jżomm f'wiċċ l-ilma	—	—	—	—	—	—	3	1	3	1	1

"Livell Kapitoli	Ajruplani bit-turbini		Ajruplani bil-pistuni		Ajruplani b'impjant ta' enerġija elettrika		Ħelikopters bit-turbini		Ħelikopters bil-pistuni		Avjonika
Strutturi tal-qafas tal-inġenju tal-ajru											
51 Prattiki u strutturi standard (klassifikazzjoni, valutazzjoni u tiswija tal-ħsara)	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
53 Qafas tal-inġenju tal-ajru (fuselage)	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
54 Kisja ta' barra ta' magna ta' ajruplan/arbli kbar	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
55 Stabbilizzaturi	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
56 Twieqi	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
57 Ġwienaħ	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
52 Bibien	3	1	3	1	3	1	—	—	—	—	1
Sistemi ta' identifikazzjoni tażżoni u tal-istazzjonijiet	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1
Sistemi ta' qafas tal-ajruplani											
21 Arja kkundizzjonata	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	3
21A Forniment tal-arja	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	2
21B Pressurizzazzjoni	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	3
21C Apparati tas-sikurezza u tat-twissija	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	3
22 Awtotitjir	2	1	2	1	2	1	2	1	2	1	3
23 Komunikazzjoni	2	1	2	1	2	1	2	1	2	1	3
24 Enerġija elettrika	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	3
25 Tagħmir u attrezzaturi	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	1
25A Tagħmir elettroniku inkluż tagħmir ta' emerġenza	1	1	1	1	1	1	1	1	1	1	3

"Livell Kapitoli		Ajruplani bit-turbini		Ajruplani bil-pistuni		Ajruplani b'impjant ta' enerġija elettrika		Ħelikopters bit-turbini		Ħelikopters bil-pistuni		Avjonika
26	Protezzjoni kontra n-nirien	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	3
27	Kontrolli tat-titjir	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	2
27A	Tħaddim tas-sistema: elettriku/kontroll elettriku tat-titjir	3	1	—	—	3	1	3	1	—	—	3
28	Sistemi tal-fjuwil	3	1	3	1	—	—	3	1	3	1	2
28A	Sistemi tal-fjuwil — monitoraġġ u indikar	3	1	3	1	—	—	3	1	3	1	3
29	Potenza idrawlika	3	1	3	1	3	1	3	1	3	1	2
